



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5223/22

LIMITE

CORLX 10
CFSP/PESC 18
COTER 10
COMET 2
FIN 9

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/ ...

ta' ...

**li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet
soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK
dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK¹.
- (2) Fid-19 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192² li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ("il-lista").
- (3) F'konformità mal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, huwa neċessarju li ssir reviżjoni f'intervalli regolari tal-ismijiet ta' persuni, gruppi u entitajiet fil-lista biex jiġi żgurat li jkun hemm raġunijiet sabiex dawn jinżammu fiha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riżultat tar-reviżjoni li l-Kunsill wettaq fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

¹ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1192 tad-19 ta' Lulju 2021 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/142 (ĠU L 258, 20.7.2021, p. 42).

- (5) Il-Kunsill ivverifika li awtoritajiet kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, ħadu deċiżjonijiet fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet kollha fil-lista fejn irriżulta li huma kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK. Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li jenħtiegħ li l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK jibqgħu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.
- (6) Il-Kunsill ikkonkluda li m'għadx hemm raġunijiet biex persuna waħda tinżamm fuq il-lista.
- (7) Jenħtiegħ li l-lista tiġi aġġornata skont dan, u jenħtiegħ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK hija stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1192 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1

I. PERSUNI

1. ABDOLLAHI Hamed (magħruf ukoll bħala Mustafa Abdullahi), imwieled fil-11.8.1960 fl-Iran. Numru tal-passaport: D9004878.
2. AL-NASSER Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
3. AL-YACOUB Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut (l-Arabja Sawdija), ċittadin tal-Arabja Sawdija.
4. ARBABSIAR Manssor (magħruf ukoll bħala Mansour Arbabsiar), imwieled fis-6.3.1955 jew fil-15.3.1955 fl-Iran. Nazzjonal Iranjan u tal-Istati Uniti, numru tal-passaport: C2002515 (l-Iran); numru tal-passaport: 477845448 (Stati Uniti tal-Amerka). Numru tal-ID nazzjonali: 07442833, data ta' skadenza 15.3.2016 (liċenzja tas-sewqan tal-Istati Uniti tal-Amerka).
5. ASSADI Assadollah (magħruf ukoll bħala Assadollah Asadi), imwieled fit-22.12.1971 f'Tehran (l-Iran), nazzjonal Iranjan. Numru tal-passaport diplomatiku Iranjan: D9016657.
6. BOUYERI Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu Zubair, magħruf ukoll bħala SOBIAR, magħruf ukoll bħala Abu Zoubair), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (in-Netherlands).

7. EL HAJJ Hassan Hassan, imwielew fit-22.3.1988 fZaghdraiya, Sidon, il-Libanu, ċittadin Kanadiż. Numru tal-passaport: JX446643 (il-Kanada).
8. HASHEMI MOGHADAM Saeid, imwielew fis-6.8.1962 fTehran (l-Iran), nazzjonal Iranjan. Numru tal-passaport: D9016290, validu sal-4.2.2019.
9. IZZ-AL-DIN Hasan (magħruf ukoll bħala Garbaya, Ahmed, magħruf ukoll bħala Sa'id, magħruf ukoll bħala Salwwan, Samir), il-Libanu, imwielew fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu.
10. MELIAD Farah imwielew fil-5.11.1980 fSydney (l-Awstralja), ċittadin Awstraljan. Numru tal-passaport: M2719127 (l-Awstralja).
11. MOHAMMED Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala Ali, Salem, magħruf ukoll bħala Bin Khalid, Fahd Bin Adballah, magħruf ukoll bħala Henin, Ashraf Refaat Nabith, magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Abdul) imwielew fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, numru tal-passaport 488555.
12. SHAHLAI Abdul Reza (magħruf ukoll bħala Abdol Reza Shala'i, magħruf ukoll bħala Abd-al Reza Shalai, magħruf ukoll bħala Abdorreza Shahlai, magħruf ukoll bħala Abdolreza Shahla'i, magħruf ukoll bħala Abdul-Reza Shahlaee, magħruf ukoll bħala Hajj Yusef, magħruf ukoll bħala Haji Yusif, magħruf ukoll bħala Hajji Yasir, magħruf ukoll bħala Hajji Yusif, magħruf ukoll bħala Yusuf Abu-al-Karkh), imwielew bejn wieħed u ieħor fl-1957 fl-Iran. Indirizzi: (1) Kermanshah, l-Iran, (2) Bażi Militari ta' Mehran, Provinċja ta' Ilam, l-Iran.
13. SHAKURI Ali Gholam, imwielew bejn wieħed u ieħor fl-1965 fTehran, l-Iran.

II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. L-"Organizzazzjoni Abu Nidal" — "ANO" (magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah", magħrufa wkoll bħala l-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", magħrufa wkoll bħala s-"Settembru l-Iswed", magħrufa wkoll bħala l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti").
2. Il-"Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa".
3. "Al-Aqsa e.V".
4. "Babbar Khalsa".
5. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż l-"Armata l-Ġdida tal-Poplu" — "NPA", il-Filippini.
6. Id-Direttorat għas-Sigurtà Interna tal-Ministeru Iranjan għall-Intelliġenza u s-Sigurtà.
7. "Gama'a al-Islamiyya" (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya") (il-"Grupp Iżlamiku" - "IG").
8. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" — "IBDA-C" (il-"Front Kbir Iżlamiku tal-Ġellieda tal-Lvant").
9. "Hammas", inkluż "Hammas-Izz al-Din al-Qassem".

10. Il-"Fergħa Militari ta' Hizballah" (magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari tal-Hezbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbullah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hezbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbollah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizbu'llah", magħrufa wkoll bħala l-"Fergħa Militari ta' Hizb Allah", magħrufa wkoll bħala l-"Kunsill tal-Ġiħad" (u l-unitajiet kollha li jirrapportaw lilha, inkluż l-Organizzazzjoni Esterna tas-Sigurtà)).
11. "Hizbul Mujahideen" — "HM".
12. "Khalistan Zindabad Force" — "KZF".
13. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" — "PKK" (magħruf ukoll bħala "KADEK", magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL").
14. It-"Tigri għal-Liberazzjoni tat-Tamil Eelam" — "LTTE".
15. "Ejército de Liberación Nacional" (l-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali").
16. Il-"Ġiħad Iżlamika tal-Palestina" — "PIJ".
17. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" — "PFLP".
18. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina — Kmand Ġenerali" (magħruf ukoll bħala "PFLP — Kmand Ġenerali").

19. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" — "DHKP/C" (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" (ix-"Xellug Rivoluzzjonarju"), magħruf ukoll bħala "Dev Sol") ("Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu").
20. "Sendero Luminoso" — "SL" (it-"Trijq li Tiddi").
21. "Teyrbazen Azadiya Kurdistan" — "TAK" (magħruf ukoll bħala l-"Falkuni għall-Ħelsien tal-Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Isqra għall-Ħelsien tal-Kurdistan").

